**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 29 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Deelian Mifsud**

Illum, 20 ta' Ottubru 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Deelian Mifsud, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18600 (L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fl-24 ta' Awwissu 2018, f' xi hin bejn is-sebgha u kwart ta` filghodu (07:15Hrs) u t-tmienja u nofs ta` filghodu (08:30Hrs), minn gewwa l-fond Nru.155, Oriana, Triq il-Hafur, Attard:-

1. Ikkometta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna', 'lok' u 'valur' liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Carmela Borg u/jew persuni ohra persuna anzjana ta' 78 sena.

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, xjentement ggieghelt jew ippermettejt li persuna anzjana u cioe` Carmela Borg anzjana ta' 78 sena

dipendenti titqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha kienet fil-periklu.

Akkuzat ukoll talli fis-26 ta' Frar 2019, f'xi ħin bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00Hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00Hrs), minn gewwa Dar Papa Frangisku, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara:-

3. Ikkometta serq ta' telefon cellulari liema serq huwa aggravat bil- lok' u bil- 'valur' liema ammont ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Wayne Chapman.

4. U aktar talli xi xahar ta' Awwissu 2018 u xi xahar ta` Frar 2019, kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr D. Clarke LLD datata 25 ta' Ottubru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Frar, 2020 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279, 280(1), 281, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tmintax (18)-il xahar prigunerija. L-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberat mill-istess imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Deelian Mifsud minnu pprezentat fil-21 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti hija umilment mitluba li tirrifoma s-sentenza appellata billi

filwaqt li tikkonferma s-sejbien tal-ħtija, tvarjaha in kwantu għall-piena karċerarja erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmintax (18)-il xahar u minflokha tgħaddi sabiex tqis iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ odjern, u tagħti piena aktar ekwa u ġusta permezz ta' mitigazzjoni tal-istess piena jew billi timponi piena alternattiva, dejjem taħt dawk il-provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa li timponi.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

i. Illi l-Appellant mhux jappella mis-sejbien ta' ħtija iżda qiegħed umilment jitlob lill-dina l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza hawn fuq ċitata ai fini tal-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati;

ii. Illi l-akkużi miġjuba fil-konfrot tal-imputant illum Appellant, f'jum l-intavolament ta' dan ir-rikors odjern, jirrisalu għal fuq minn sbatax (17)-il xahar ilu;

iii. Illi bl-akbar umiltà, l-Appellant jiddikjara illi huwa għamel kambjament serju fl-istil ta' ħajtu f'dawn l-aħħar sena u sitt xhur u dan il-kambjament serju huwa fattur pożittiv għalih, għall-familja tiegħu kif ukoll għas-soċjetà in ġenerali;

iv. Illi għalhekk u fid-dawl ta' dan, jekk is-sentenza appellata tiġi kkonfermata, l-Appellant se jintbagħat il-ħabs għal tmintax (18)-il xahar, u dan ifisser illi huwa se jsib lilu nnfisu f'pożizzjoni fejn dak kollu li rnexxielu jikseb f'dawn l-aħħar sena u ħames xhur bi tbatija, sagrifiċċji kbar u għajnuna ta' diversi terzi, se jisfaxxa fix-xejn u se ssirlu ħsara kbira tant li jaqta' qalbu minnu nnifsu. Illi din il-persuna ilha għal dawn l-aħħar sena u ħames xhur miexja fuq triq tajba 'l bogħod mit-twettiq ta' azzjonijiet ħżiena sabiex terġa tibda ħajjitha mill-ġdid. L-Appellant qiegħed preżentement jipprova jieħu azzjonijiet f'ħajtu li jkunu ta' ġid u dan biex jagħti lura u jikkontribwixxi lejn is-soċjetà in ġenerali.

v. Illi fl-isfond tat-tbatija u sagrifiċċji kbar li qiegħed jagħmel l-Appellant sabiex jibqa miexi fuq it-triq it-tajba, dejjem hemm is-sofferenzi kbar li għaddha

minnhom fil-ħajja familjari tiegħu fis-snin formativi ta' ħajtu li għalhekk jibqgħu bħal tebgħa fit-tifkira tiegħu;

vi. Illi jingħad ukoll li jekk is-sentenza appellata tiġi kkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti, din se ġġib magħha wkoll konsegwenzi kbar għall-Appellant fis-sens li se jitnaqqsulu drastikament il-possibilitajiet li dan isib impjieg biex ikun jista' jkompli jmanti lill-familja tiegħu u jittutela lill-bintu ta' sena u seba' xhur;

vii. Illi l-Appellant huwa missier u għalhekk irid jipprovdi l-għajxien ta' bintu sabiex din ma tkunx pjenament dipendenti fuq l-Istat, u b'hekk jinqata' wkoll iċ-ċirku vizzjuż li fih trawwem l-Appellant;

viii. Illi minħabba ċ-ċirkostanzi familjari tiegħu u r-realtajiet li huwa affaċċja f'ħajtu, l-Appellant ħass li ma kellux alternattiva oħra;

ix. Illi skont il-kunċett ta' ġustizzja restorattiva li tħaddan is-sistema kriminali Maltija, fejn u safejn huwa possibbli, u b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, magħdud l-esperjenza tal-ħajja tal-imputat, għandu jingħata aktar ħsieb fil-konfront tal-Appellant anki sabiex huwa jiġi inkoraġġut illi l-kambjament f'ħajtu huwa wieħed sew u pożittiv u li għandu jkompi jsegwi t-triq t-tajba, minkejja li kultant b'diffikultajiet għalih;

x. Illi din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mill-Imħallef David Scicluna permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Frar tas-sena 2015 fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs- Brandon Pace' irriteniet:

"F'dan l-istadju l-appellant jagħmel referenza wkoll għal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu reċidivi, wkoll ingħataw opportunità oħra, permezz ta' piena ridotta.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizja -vs- Charlot Aquilina, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgħa (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-

Qorti saħqet fuq il-bżonn, illi persuna għandha tingħata ċans ieħor fil-ħajja tagħha, la darba turi ċar illi hemm ir-rieda ta' bidla.

Għal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report (…) minn fejn jirriżulta li l-imputat kellu trobbija instabbli (…) Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li għalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta li huwa ingħata opportunitajiet oħra sabiex jirriforma ruħu fil-passat iżda huwa xorta waħda reġa' qabad it-triq il-ħażina (…) irriżulta wkoll li dawn l-inċidenti jirrisalu għal qabel is-sena 2003, u ċioè għal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'suċċess il-programm (…) u għalhekk l-imputat għandu jingħata l-aħħar opportunitá sabiex jirriforma ruħu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba…'"

xi. Illi bl-akbar umiltà, minkejja li l-Appellant mhux jappella mis-sentenza fuq ċitata safejn din sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, huwa jħossu aggravat bil-piena karċerarja erogata ta' tmintax (18)-il xahar, li jqis eċċessiva;

xii. Illi minkejja li l-Appellant jifhem li m'huwiex ordinarju li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun filfatt erogata, din l-istess Qorti diversi drabi kkunsidrat ċirkustanzi li jistgħu jwasslu għall-mitigazzjoni tal-pieni u/jew il-kominazzjoni ta' forom alternattivi ta' pieni, bħal, eżempju jekk tara xaqq ta' dawl fl-imputat;

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kif dikjarat minnu fl-ewwel aggravju tiegħu. Huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant. Issa kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tarquin Vella</u>**[1] Moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

[1] Deciza nhar il-15 ta' Settembru, 2019 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali sede inferjuri

(a) Retributtiv;

(b) Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista **Francesco Carnelutti**, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-**Carnelutti** jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** [2], intqal is-segwenti : -

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi

[2] Deciza nhar l-4 ta' Dicembru, 2003

disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva jew addirittura ikunx hemm xi cirkostanza gdida li ma gietx trattata mill-ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** [3]:

*"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in*

[3] Deciza nhar il-25 ta' Awwissu 2005

*principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll l-posizjoni l qed titihed konsistetnemetn minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri.

Il-ġurisprudenza prevalenti, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi mhemmx dubbju li f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Qorti pero' ezaminat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-pien ainflitta u rat li dehrliha timponi piena ta' prigunerija ghaliex l-appellant instab hati talli huwa recidiv kif ukoll ghaliex ma tghallimx juzufruxxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu.F'dan ir-rigward din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti a fol. 177 u jidher li l-appellant twieled nhar it-12 ta' Dicembru 1999 kif del resto hemm indikat fic-charge sheet ukoll u li ghalhekk illum il-gurnata ghandu 21 sena. Jidher li meta kien ghad kellu 13 il-sena u cioe' fis-ena 2012 kein gja tressaq il-qorti u akkuzat li kkometta serq u l-valur tieghu ma kienx jeccedi l €233 euros fejn l-Qorti tal-minoreeni kient iliberatu skond l-artikolu 7 tal kapitolu 466 tal-ligijiet ta' Malta . Illi in segwitu fis-

sena 2013 u ghalhekk meta kien ghad ghandu 14 il-sena instab hati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminai talli kiser l-ordni tal-probabtion moghtija lilu s-sena ta' qabel pero' din is-entenza giet revokata mill-Qorti tal- Apell fis-sena 2015. Fis-sena 2015 u ghalhekk meta l-appellant kellu sittax-il sena rega instab hati ta' xi kontravenzjonijiet kontra l-persuna ta' Sammy Alwakil fejn rega inghata unconditional discharge ghal perijodu ta' tmintax-il xaghar. Minn dak in-nhar il-quddiem l-appellant instab hati ta' diversi reati ohra fosthom serq, feriti ta' natura hfief, ingurji u theddid u inghata probation orders, suspended sentence u sahansitra disgha xhur prigunerija olte l-kundanna ta' multi u dan waqt li l-appellant kien ghadu lanqas ghalaq it-tmintax il-sena. Jidher li din hija l-ewwel conviction li qed tigi registrata minn mindu l-appellant lahaq maggorenni.

Illi jidher li l-appellant qabad hajja ta' kriminalita minn mindu kien ghadu zghir hafna. Fil-fatt il-P**robabtion Officer Rona Custo** tghid fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2020. Spjegat li ilha issegwi lill-appellant mis-ena 2015 ghalkemm kien gja klijent ta' l-ufficcju tal Probabtion sa mis-sena 2012 meta kien ghad kellu tlettax-il sena. Spjegat li l-appelalnt kien ighix ma ommu tul it-trobbija tieghu pero' meta kien ikollha partners differenti kien isofri hafn aminn abbuz kemm fiziku kif ukoll emozjonali. In fatti kineu tresqu l-Qorti kemm ommu kif ukoll l-partner taghha. Minn dak iz-zmien beda jghix minn home ghal home pero' minhabba li kien iabti minn ADHD u ommu qatt ma accettat l ijigi trattat ghal din il-kondizzjoni minhabba l=imgieba tieghu kien jigi imkecci mill-homes fejn kien ikun qed jirrisjedi. Ghalhekk l-Appogg rega haditu ghand l-omm, kompla l-abbuz l-appellant ghamel zmien jigri barra, minn home ghla home, minn social worker ghal ohra. Qatt ma kien hem msupport u konsistenza fil-hajja tieghu. Meta ommu titfacca biex tofri support lill-appellant dan imur lura hafna. Dan ghaleix tibda twieghdu hafna affarijiet u ma izzommx kelmtha Ommu ukoll tiehu support minghandhom.

Spojegat li ghaliha l kaz tal-appellant mhuwiex kaz straight forward u johloqilha hafn challenges peress li ma tistax tgharaf fattur wiehed li jwaslu ghall-agir tieghu biex ixellef dufreigh mas-sistema gudizzjarja. Gej minn back ground difflicli hafna bi problemi kbar kemm socjali kif ukoll psikologici u dawn qatt ma gew indirizzatai. Tghid li kien hemm tentattivi meta kien il-habs jew f'post kontenut biex jigi

indirizzata pero' l-hajja tieghu kienet dejjem karatterizzata b'hafna chaos. L_isfotuna tieghu hi minhabba l-background tieghu li hu dejjem tghallem ifendi ghar-rasu u meta jigi daru mal-hajt ikun self destructive. Meta jigi daru mal-hajt jipprova jitlob l ghajnuna izda jkun kwazi kwazi tard wisq. Ghandu kuntatt maghha kif ukoll ma social worker mill-Youth Focus u fil-fatt dan ilu hemm ghal hafna snin u Youth worker f'dan Embark for Life . Ftit qabel ma bdiet l pandemija tal COVID l-appellant kein amr l-ufficcju taghha ghaleix kien jinsab homeless u kien fi stat hazin taghha li hija flimkien mas Senioir taghha kellhom jomorru mieghu Mount Carmel fejn kellu jigi rikoverat. Imbaghad sabulu post Dar Emmaus Ghawdex li hija dar tal Knisja. Hemmhekk ghamle zmien maghluq minhabba l-pandemija u ghamel kuntatt mal-psikologu Dr Kevin Sammut Henwood. Il-feedback minn din il home kien wiehed posittiv fejn l-appellant kien sejjer tajjeb. Tant li beda ifittex xoghol u anke beda kors biexjahdem bhala barbier ghax kienet il-holma tieghu.. F'xi zmien kien hemm incident zghir fil-Home u iddecida li ma jibqax resienti hemm ukien hemm qasir li offrilu kamra fid-dar tieghu b'kera baxxa u dan accetta u fil-present jghix hemm u jinsab kuntent. Il-kuntatt taghha fil-prezent jinsab bit-telefon ghaliex qed ighix Ghawdex u sahanstira anke sab impieg pero' dan l impieg tilfu meta saru jafu li kellu l-Qorti. Affarijeti posittivi f'hajtu hu li ghandu tifla illum ghandha sentejn. Jghid li ghadnu relazzjoni tajba ma din it-tifla pero' meta intemmet ir-relazzjoni ma omm it-tifla inqalghu hafna problemi u meta tohloqlu xi problmei biex jara it-tifla, din taffetwah hafna psikologikament u ghandu problema beix jindirzza din il-problema. Tghid li ibati minn self harm u kienhemm drabi ukoll fejn anke pprova itemm hajtu. Il-preokkupazzjoni taghha hi li dawn l-affarijiet qatt ma gew indirizzata b'mod konkret u dan ghaleix met aikun f'ambjent liberu ihossu ahjar u ghalhekk gili ihoss li m'ghandux bzonn tali assistenza.

Illi nhar id-29 ta' Settembru, 2020 ix-xhud rega xehdet u kkonfermat li minn verifiki li ghamlet l-appellant ghandu impieg regolari u iehor part time. Mistoqsija jekk hux registrat mal-Job Plus tghid li ghadu mhux pero' rat id-dokumentazzjoni kollha iffirmata u ghalhekk wasal biex ikun registrat. Qalet li hadet zewg kampjuni tal-awrina tal-appellant minn l-ahhar seduta tal-Qorti wiehed fid-9 ta' Settembru, 2020 u l-iehor fid-29 ta' Settembru 2020 u kkonfermat li z-zewg testijiet taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

F'dan ir-rigward xehedet **Maureen Farrugia** mill-Embark for Life. Stqarret li dan is-servizz ilu isegwi lill-appellant sa mis-sena 2014 sahansitra anke metakien inakrcerat il-habs. Tghid li kemm ilu lihareg mill-habs fis-ena 2019 l-appellant wera entuzjasmu u motivazzjoni biex jkun jista jahdem. Xtaq jiehu kors ta' barbier u dan miz-zmein meta kien ghadu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u hadmu fuqu sabiex din ix-xewqa tieghu tavvera ruhha u fil-fatt beda dan il-kors u sejjer tajjeb fih. Tghid li wera x-xewqa biex isib impieg u bl-ghajnuna taghhom u tieghu irnexxilhom isibulu impieg Dan kollu sar sforz l-motivazzjoni tieghu. Qalet li baqa' f kuntatt maghhom anke matul il-pandemija tal- COVID tramite video calls u baqa' dejjem juri interess f'dak kollu li huma ppruvaw joffrulu.

**Lucienne Spiteri,** Head of Home Erasmus spjegat li l-appellant gie riferut lilhom fid-dar residenzjali f'Marzu 2020 u waqt li kien hemm dejjem wera motivazzjoni biex jimxi 'l quddiem. Qalet li dam maghhom sat-30 ta' Gunju, 2020 u telaq ghaliex kien sab post u kien lest biex jimxi b'mod independenti.

Spjegat li kemm dam fid-dar Erasmus kien baghat diversi CVs u ghal bidu ma kienx hemm risposti posittivi izda ma qatax qalbu u fil-fatt irnexxilu isib impieg. Qalet li l-appellant huwa wiehed mir-residenti li l-iktar li dam f'lock down minhabba l-pandemija tal-COVID u Dar Erasmus segwit l- procedura tal-lockdown biex inaqsu t-tmexxija tal-infezzjoni u tixrid ta' COVID 19. Qalet li l-appellant ma oggezzjonax u dejjem mexa ma l-istruzzjonijiet li kienu ituh. Fil-fatt waqt li kien qieghed f'lock down kien xtaq jircievi certu videos biex jista jkompli l-kors ta' barbier u fil-fatt kien talab l-ghajnuna minghand professjonisti mis-servizz ta' Embark for Life fejn infatti beda isegwi dawn il-videos u anke kien jipprattika fuq residenti ohra. Qalet li waqt li kien residenti fid-dar dejjem zamm kuntatt malprofesjonistai li kienu qed jghinuh u darba fil-gimgha kein jara lil bintu b'mod vitwali u dejjem emxa mar-regoli ta-dar u wera rispett lejn il-management u anke lejn l-istaff l-iehor.

**Charlene Martin,** social worker xehdet nhar l-1 ta' Settembru 2020 u stqarret li ilha issegwi lill-appellant fil-kapacita taghha ta' social worker ghal diversi snin u filf-att tghid li kein anke jinsab taht care order meta kien ghadu minoreeni . Qalet li kien sar

hafna xoghol fuqu beix jahdmu fuq l-issues teighu personali sabeix meta jghalaq tmitnax-il sena jibda il-hajja personal itieghu u jignhata support biex isib xoghol u biex jghinuh izomm kuntatt mat-tfajla tieghu u jkomplu isostnu l-progress positiv li huwa kien qed jghamel. Tghid li min naha tieghu l-appellant izomm kuntatt piuttost regolari u jitlob l-ghajnuna meta jkollu bzonn f'diversi cirkostanzi u dejjem mexa mas-suggerimenti u amke mexa mal-ghajnuna li kienu qed jipprovdulu. Spjegat li ricentement kien qed jghix Ghawdex fejn hu kkoopera tajjeb u fil-present qed ighix hajja indipendenti u fil-fatt anke sab xoghol. Sincera,ent tghid li min dak li qed tara rat progress.

Tghid li l-appellant kellu diversi diffikoltajiet minn meta kien ghadu zghir pero' jinsab f'punt stabbli fejn jidher li hu verament 'committed' li l- hajja tinbidel . Fil-fatt tghid li rat progress kbir fejn meta pesuna tghalaq it-tmitnax-il sena ma tkunx trid iktar ghajnuna l-appellant baqa' jkompli jitlob l-ghajnuna u biex jibqa' segwit mis-servizz taghhom u rat li immeljora hafna fil-vizjoni tieghu tal--hajja.

Illi ghalhekk jirrizulta mis-suespost li l-appellant kellu trobbija difficli hafn aminghajr ebda direzzjoni. Jidehr li ghex tfutlitu residenti minnhome ghal home minghajr stabilita. Kien biss meta spicca f Dar Emmaus u issa jghix ma xi membru tal kleru li donu rrealizza r-repsonsabilitajeit tieghu tant li ghandu zewg impiegi wiehed part time u iehor full time. Illi dawn il-fatturi ma gewx a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata bi rpovi goddda dwar il karattru u passat tieghu li jimmeritaw li jigu kounsidrati ai fini ta' piena.

Din il-Qorti tagheml referenza ghas sentenza moghtia minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs George Farrugia</u>**[4] fejn tennet li anke persuna b'fedina penali reflettarja li f'dak il-kaz kellu 77 conviction registrat fuqha ghandu jignhata opportuntia ohra jekk jesistu cirostanzi idoneji. Fil-fatt stqarret li :-

*"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta'*

4

*kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):*

*" The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

*U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:*

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236)."*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Kyle Borg] Vs Christopher Ryan Omissis** [5]li ghamlet ukoll accenn ghall -kawza **Pulizija versus George Farrugia**[6] kif konfermata fil-kawza **Pulizija versus Ritmar Hatterly et**[7] fejn intqal li:-
*"Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv tista' titfacca filhajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-cirku ta' kundanni u ta' prigunerija," u dana huwa proprju dak illi tixtieq taghmel din il-Qorti .*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Il- Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**[8]" fejn, fost affarijiet ohra l-Qorti qalet:

*".....kemm hi zbaljata l-idea sintistika ..... li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta' "non custodial sentence" allura hija necessarjament m'ghandhix terga tinghata*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' April 2014
[6] ibid
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Ottubru 2008
[8] Ibid

*probation. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fatti speci partikolari ta' dan il-kaz, b'mod specjali fuq il-"prospect of success" ta' dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-hati."*

Illi hawn inter alia dik il-Qorti irriteniet li l-fatt li bniedem ikun recediv u li jkun fil-passat ghix hajja raffrettarja ma jistax jinghad li per tali konsegwenza qatt ma ghandu jinghata l-opportunita' jirriforma ruhu. Fil-fatt l-iskop ahhari tal-piena fiz-zminijiet tal-lum huwa appuntu rriforma ta' dak li jkun u l-ghan ewlieni hu li l-akkuzat jigi pjenament rihabilitat fis-socjeta' meta dan ikun possibbli. Illi dik il-Qorti tirrimarka li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn l-akkuzat tinfetahlu a *"window of opportunity"* sabiex dan ikun jista' jibqa mixi fit-triq it-tajba u ghalhekk il-Qrati m'ghandhomx jiskartaw tali possibilita' a prijori minhabba il-precedenti tal-akkuzat; Illi in effetti hekk gara fil-kaz odjern fejn lill-appellant jidher li infethitlu tali *"window of opportunity"* u dan fis-sens li llum anke ir rizuotati tat testijeit tal-awrina mhux qed jindikaw abbuz ta' droga, sab zewg impiegi wiehed ful time u iehor part time ma jirrizultax li fetah kawzi godda u qed zamm il boghod mill-hajja tal kriminali minkejja il-passat kulurit tieghu u jidher li qed ighamel l-almu tieghu biex jibqa' jimxi fit-triq it-tajba.

Din il-Qorti ma tistax tissospendi l-piena imposta mill-ewwel Qorti u dan ghaliex instab hati tallli huwa recidiv u ghalhekk hija prevista li taghmel dan mill-ligi minkejja li dik kienet tkun il-piena idoneja. Il-Qorti pero' min naha l-ohra rat li jekk tikkonfemra is-entenzamoghtija mill-ewwel Qorti fir rigward ta' piena ma tkunx sejra tghin la lill-appellant li jkun ghamel dan l isforz kollu biex jirranga hajtu u lanqas lis-socjeta li jifforma parti minnha u ghalhekk tiddikjara li piena karcerarja mhiex idoneja

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' htija pero' tvarja l-istess fir rigward tal-piena. Ghall-motivi premessi qeda tpoggi lill-appellant taht ordni ta' probabtion li qed tkun annessa ma din is-sentenza ai termini tal-artikolu 7 tal kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-Ufficjal tal-Probation sabiex tidher quddiem din il-Qorti flimkien ma' l-appellat kull tlett xhur (f'dati li jigu mifthema mad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti) biex

izzomm lill-Qorti aggornata dwar l-imgieba tal-probationer u affarijiet ohra relevanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Direttur tal-ufficcju tal-Probabtion u Parole u tirrakomanda li jigi nomiant l-istess ufficcjal tal-probabtion gja kurrenti mal-kaz u cioe' l-Ufficjal tal-Probation Rona Custo.

Il-Qorti spjegat lill-appellant l-import ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERAKOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

Il-Pulizija

Spettur Christine Delia

V

DEELAN MIFSUD

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta]**

Seduta ta' llum, 20 t′Ottubru 2020

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata DEELAN MIFSUD ta′ dsatax-il sena bin missier mhux mgharuf u Stefania Mifsud , imwieled Pieta nhar it-12 ta′ Dicembru 1999 u residenti Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 186001M tigi mpoggija taht Ordni ta′ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta′ tlett (3) snin mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta′ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta′ dan l-Ordni ta′ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta′ din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta′ probation ghal perjodu ta′ tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata taghti kampjun tal-awrina kul meta jigi msitoqsi u f'kaz li jirrizulta posittiv anke f'okkazjoni wahda dan ghandu jitqies li kiser l-Ordni tal-Probabtion
6. Li izomm il-boghod mill-hajja kriminali u li jiftah kazijiet fuq reati t'a natura volontarji

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

……………………………..

Deelian Mifsud

Franklin Calleja

Deputat Registratur